

Brussell, 3 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12324/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0235(NLE)

ECOFIN 1072
UEM 385
FIN 1139
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 428 annex
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 428 annex.

Mehmuż: COM(2026) 428 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2026
COM(2026) 428 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

L-ANNESS

SEZZJONI 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti

A. IL-KOMPONENT 1.1: SISTEMA TAS-SAĦĦA REŻILJENTI U EFFETTIVA, PROTEZZJONI ĊIVILI MSAĦĦA

Dan il-komponent tal-pjan Ċiprijott għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-aċċess universali għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja f'Ċipru kif ukoll it-tnejn u r-rispons ġenerali għall-protezzjoni ċivili f'każ ta' emerġenza. L-oġġettiv ta' dan il-komponent huwa li jsaħħa l-effettività, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza ġenerali tas-settur tal-kura tas-saħħa li jappoġġa s-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa introdotta reċentement permezz ta' diversi interventi. Dawn jinkludu (i) il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-infrastruttura u t-tagħmir tal-kura tas-saħħa, (ii) it-tisħiħ tas-servizzi tas-saħħa elettronika, (iii) l-akkreditazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa pprovduti u l-introduzzjoni ta' protokoll kliniċi bbażati fuq l-evidenza u sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità, kif ukoll (iv) opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema tas-saħħa. Għandha wkoll l-għan li ttejjeb is-sistema tal-protezzjoni ċivili ta' Ċipru billi tistabbilixxi Sistema ta' Twissija Pubblika moderna.

Il-komponent jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar is-saħħa (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 tal-2020 u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2019).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C1.1R1): Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u t-Titjib tal-Kwalità

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-kwalità u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-kura tas-saħħa.

Din il-miżura tikkonsisti f' pjattaforma għal protokoll kliniċi, linji gwida jew mogħdijiet fil-kura medika.

Riforma 2 (C1.1R2): Pjattaforma elettronika għas-sorveljanza tal-Konsum Nosokomjali tal-Antibijotiċi u tal-Infezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tappoġġa t-tranżizzjoni diġitali u r-reżiljenza tas-settur tal-kura tas-saħħa.

Din il-miżura tikkonsisti fi pjattaforma elettronika għar-reġistrazzjoni tad-data mill-ispiżeriji tal-isptarijiet, mil-laboratorji tal-mikrobijoloġija, u mill-isptarijiet.

Investiment 1 (C1.1I1): Stabbiliment tad-Demm ta' Ċipru

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jespandi l-faċilitajiet ċentrali tal-Istabbiliment tad-Demm f'Ċipru.

Din il-miżura tikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' faċilitajiet u x-xiri ta' tagħmir għall-Istabbiliment tad-Demm ta' Ċipru.

Investiment 2 (C1.1I2): Sistema ta' informazzjoni dwar is-saħħa pubblika ta' Ċipru

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa lill-korpi tas-settur tas-saħħa pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza dwar kwistjonijiet epidemjoloġiċi.

Il-miżura tikkonsisti fi pjattaforma ta' sorveljanza tal-influenza tas-Sistema tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) Innovattiva tas-Saħħa Pubblika ta' Ċipru.

Investiment 3 (C1.1I3): Appoġġ għax-xiri ta' tagħmir mediku fi sptarijiet privati

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jimmodernizza t-tagħmir mediku tal-isptarijiet privati.

Din il-miżura tikkonsisti fi skema ta' appoġġ finanzjarju għall-isptarijiet privati biex jixtru tagħmir mediku.

Investiment 4 (C1.1I4): Akkreditazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-saħħa

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-akkreditazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-saħħa, jippermetti r-reġistrazzjoni tagħhom fis-Sistema Nazżjonali tas-Saħħa (NHS) u jtejjeb l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa pprovduti.

Din il-miżura tikkonsisti fi skema ta' appoġġ finanzjarju għall-akkreditazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-saħħa.

Investiment 6 (C1.1I6): Servizzi tas-saħħa elettronika transkonfinali ġeneriċi f'Ċipru

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa l-iskambju transfruntier ta' Ċipru ta' informazzjoni dwar is-saħħa tal-pazjenti fl-UE.

Din il-miżura tikkonsisti f'appoġġ għall-iskambju transfruntier tad-data tal-pazjenti mal-Istati Membri fl-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika (eHDSI).

Investiment 7 (C1.1I7): Sistema ta' twissija pubblika għal operazzjonijiet ta' emerġenza

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jsaħħaħ is-sistema tal-protezzjoni ċivili ta' Ċipru billi jistabbilixxi sistema ta' twissija pubblika għat-twissija dwar emerġenzi.

Din il-miżura tikkonsisti f'sistema ta' twissija pubblika permezz tal-mowbajls.

Investiment 5 (C1.1I5): Xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir ġdid fl-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jiffinanzja xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir ġdid tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru.

Din il-miżura tikkonsisti f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew xiri ta' tagħmir għall-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru.

Riforma 3 (C1.1R3): Għoti u rimborż tal-kura tas-saħħa bl-użu ta' mudelli bbażati fuq il-valur

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tinbidel is-sistema ta' rimborż għas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Il-miżura tikkonsisti f' rimborż ibbażat fuq il-valur fis-Sistema Ġenerali tas-Saħħa.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
2b	C1.1R1 Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u t-Titjib tal-Kwalità	Stadju importanti	Pjattaforma għal protokoll kliniċi, linji gwida jew mogħdijiet	Pjattaforma aċċessibbli	—	—	—	Q4	2025	Pjattaforma ta' tagħlim elettroniku li tinkludi mill-inqas 90 protokoll kliniku, linji gwida jew perkorsi, hija aċċessibbli. Il-kuntrattur għandu jiċċertifika li l-protokoll kliniċi, il-linji gwida jew il-perkorsi jkunu ġew rieżaminati bejn il-pari.
3	C1.1R2 Disinn ta' pjattaforma elettronika għas-sorveljanza tal-Konsum Nosokomjali tal-Antibijotiċi u l-Kura tas-Saħħa — Infezzjonijiet Assoċjati	Stadju importanti	Adozzjoni tal-lista ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa	Adozzjoni tal-lista ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa	—	—	—	Q1	2023	L-adozzjoni tal-lista ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa li għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Ministeru tas-Saħħa dwar il-konsum tal-antibijotiċi u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa li għandha tiġi mmonitorjata mill-Ministeru tas-Saħħa.
4	C1.1R2 Pjattaforma elettronika għas-sorveljanza tal-Konsum Nosokomjali tal-Antibijotiċi u l-Infezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa	Stadju importanti	Pjattaforma elettronika	Pjattaforma elettronika aċċessibbli	—	—	—	Q4	2025	Għandha tkun aċċessibbli pjattaforma elettronika għar-reġistrazzjoni tad-data mill-ispiżeriji tal-isptarijiet (konsum nosokomjali tal-antibijotiċi), mil-laboratorji tal-mikrobijoloġija (reżistenza għall-antimikrobiċi), u mill-isptarijiet (infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HAIs)).
5	C1.1I1 Faċilitajiet ġodda għall-Istabbiliment tad-Demm ta' Ċipru u l-	Stadju importanti	Firma tal-kuntratt għall-kostruzzjoni tal-Istabbiliment	Firma tal-kuntratt	—	—	—	Q3	2022	L-iffirmar tal-kuntratt mal-offerent (i) (kuntrattur (i)) magħżul (a) taħt sejħa kompetittiva għall-offerti għall-kostruzzjoni tal-Istabbiliment tad-Demm ta' Ċipru.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	akkwist tal-aħħar tagħmir assoċjat mat-teknoloġija		tad-Demm ta' Ċipru							
6	C1.II1 Stabbiliment tad-Demm ta' Ċipru	Stadju importanti	Faċilitajiet u tagħmir ta' ċentri tad-demmi	Faċilitajiet mibnija u tagħmir mixtri	—	—	—	Q2	2025	Il-faċilitajiet tal-Istabiliment tad-Demm ta' Ċipru jinbnew u jinxtara t-tagħmir. Il-faċilitajiet il-ġodda għandu jkollhom domanda għall-enerġija primarja li tkun mill-inqas 20 % inqas minn dik definita fir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija (NZEB).
7	C1.II2 Sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) Innovattiva tas-Saħħa Pubblika ta' Ċipru	Stadju importanti	Sistema ta' Sorveljanza Sentinel tal-Influenza (ISS)	Sistema kompletament operazzjonali	—	—		Q2	2022	Il-modulu tas-Sistema ta' Sorveljanza Sentinel tal-Influenza tas-Sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) Innovattiva tas-Saħħa Pubblika ta' Ċipru għandu jkun operazzjonali u għandha tkun fis-seħħ sistema li timmonitorja l-effettività tagħha.
8	C1.II2 Sistema ta' Informazzjoni tas-Saħħa Pubblika ta' Ċipru	Tal-UE	Sentinels irreġistrati fil-modulu	—	Għadd	0	30	Q2	2024	Mill-inqas 30 tabib huma rreġistrati bħala sentinelli fil-modulu ta' sorveljanza tal-influenza tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika ta' Ċipru.
9	C1.II3 Xiri/sostituzzjoni ta' tagħmir mediku fl-isptarijiet	Tal-UE	Istituzzjonijiet tas-saħħa li bbenefikaw mill-iskema ta' appoġġ finanzjarju	—	Għadd	0	10	Q4	2023	Mill-inqas għaxra mill-istituzzjonijiet tas-saħħa applikanti ta' diversi kategoriji rċewew appoġġ finanzjarju mill-iskema għall-akkwist ta' tagħmir mediku.
10	C1.II3 Appoġġ għax-xiri ta' tagħmir	Tal-UE	Sptarijiet privati xtraw tagħmir	—	Għadd	10	23	Q4	2025	Mill-inqas 23 sptar privat irċewew appoġġ finanzjarju mill-iskema biex jixtru tagħmir mediku.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	mediku fi sptarjiet privati		mediku b'finanzjament mill-iskema ta' appoġġ finanzjarju							
12	C1.1I4 Akkreditazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-saħħa	Tal-UE	L-istituzzjonijiet tas-saħħa rċevew appoġġ finanzjarju għall-akkreditazzjoni tagħhom	—	Għadd	0	30	Q2	2026	Mill-inqas 30 istituzzjoni tas-saħħa rċevew appoġġ finanzjarju mill-iskema u ġew akkreditati abbażi tal-istandards tas-Soċjetà Internazzjonali għall-Kwalità fil-Kura tas-Saħħa (ISQua).
13	C1.1I6 L-użu ta' servizzi tas-saħħa elettronika transkonfinali ġeneriċi f'Ċipru	Stadju importanti	Tlestija tal-fażi ta' analiżi, disinn u żvilupp tas-Sistema tal-IT għas-servizzi tas-saħħa elettronika transfruntiera	Tlestija tal-fażi tal-analiżi, tad-disinn u tal-iżvilupp tas-Sistema tal-IT, kif previst f'rapport iddedikat mit-tim ta' aċċettazzjoni tar-riżultati tanġibbli fl-awtorità kontraenti	—	—	—	Q4	2023	L-analiżi, id-disinn u l-iżvilupp tal-fażi tas-Sistema tal-IT għandhom jitlestew. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu: a) Il-profil tal-lokalizzazzjoni tas-servizzi u taċ-ċirkwit tal-kapaċità/il-Profil TransKomunitarju ta' Skoperta tal-Pazjenti (biex jinstabu komunitajiet li għandhom data dwar is-saħħa rilevanti għall-pazjent u t-traduzzjoni tal-identifikaturi tal-pazjenti f'komunitajiet li għandhom l-istess data tal-pazjent). b) aġġornament tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali (OpenNCP) b'sors miftuħ li jappoġġa l-Ġbir Awtomatiku tad-Data (eADC) tal-eHDSI. c) Aġġornament tas-Sommarju tal-Pazjent (PS-A), tal-Preskrizzjoni elettronika (eP), tad-Dispensjar elettroniku (eD), tad-dokumenti kliniċi mhux strutturati, u tal-aċċess tal-pazjenti għas-servizzi tad-data transfruntiera, abbażi tal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tal-Arkitettura tad-Dokument Klinikali Wave 6 (W6 CDA) min-network tal-e-Saħħa.
14	C1.1I6 Servizzi tas-saħħa elettronika transkonfinali ġeneriċi f'Ċipru	Stadju importanti	Skambju transfruntier ta' data dwar il-pazjenti	Sistema għall-iskambju tad-data tal-pazjenti aċċessibbli	—	—	—	Q2	2025	Is-sistema għall-iskambju tad-data tal-pazjenti bejn Ċipru u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fl-eHDSI hija aċċessibbli, li tista' tinkludi iżda mhijiex limitata għall-funzjonalitajiet li ġejjin: riċetta elettronika, iddispensar elettroniku, u sommarju tal-pazjent. Barra minn hekk, is-servizz għad-dokumenti kliniċi oriġinali mhux strutturati huwa approvat.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
15	C1.1I7 Sistema ta' twissija pubblika għal operazzjonijiet ta' emerġenza	Stadju importanti	Sistema ta' twissija pubblika lesta għat-tħaddim tal-bdoti	“Rapport ta' korrezzjoni tal-kuntrattur wara l-ittestjar finali u r-rapport finali tar-riżultati tat-testijiet” maħruġ mill-kuntrattur	—	—	—	Q4	2025	Is-sistema ta' twissija pubblika permezz tal-mowbajls hija lesta għat-tħaddim pilota u hija evidenzjata mir-“rapport ta' korrezzjoni tal-kuntrattur wara l-ittestjar finali u r-rapport finali tar-riżultati tat-testijiet”.
17	C1.1I5 Xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir ġdid fl-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru	Tal-UE	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew xiri ta' tagħmir fi sptarijiet tal-Istat ta' Ċipru		Għadd	0	4	Q2	2024	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew xiri ta' tagħmir fl-unitajiet tal-isptarijiet li ġejjin: (1) l-unità tal-COVID-19 fl-Isptar ta' Famagusta; (2) l-isptar tas-Saħħa Mentali; (3) unità tar-Radjoloġija Invażiva; (4) l-isptar Ġenerali ta' Paphos. L-isptar tas-Saħħa Mentali għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja li tkun mill-inqas 20 % inqas minn dik definita mir-ekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero (NZEB).
18	C1.1I5 Xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir ġdid fl-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru	Tal-UE	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew xiri ta' tagħmir fi sptarijiet tal-Istat ta' Ċipru		Għadd	4	11	Q2	2026	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew xiri ta' tagħmir fl-unitajiet tal-isptarijiet li ġejjin: (1) unitajiet ta' Haemodialysis fl-Isptarijiet ta' Paphos u Limassol; (2) klinika tan-newroloġija fl-Isptar Ġenerali ta' Nikosija; (3) unità ta' stroke fl-Isptar Ġenerali ta' Nikosija; (4) iċ-Ċentru tas-Saħħa f'Akaki, (5) l-Unitajiet tal-Aċċidenti u tal-Emerġenza fl-Isptar Ġenerali ta' Nikosija; (6) unitajiet ta' Inċidenti u Emerġenza fl-Isptar Ġenerali ta' Paphos u (7) l-Isptar Ġenerali ta' Larnaca. L-unità Haemodialysis fl-Isptar Paphos, u iċ-Ċentru tas-Saħħa f'Akaki għandu jkollhom domanda għall-enerġija primarja li tkun mill-inqas 20 % inqas minn dik definita mir-ekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero (NZEB). Xiri ta' tagħmir mill-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa tal-Istat (SHSO-OKYPY).
16	C1.1R3 L-għoti u r-rimborż tal-kura tas-saħħa bl-użu ta' mudelli bbażati fuq il-valur.	Stadju importanti	Rimborż ibbażat fuq il-valur għall-kura primarja u n-patient	Ippubblikat rimborż ibbażat fuq il-valur għall-kura primarja u n-patient	—	—	—	Q4	2024	L-organizzazzjoni tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (HIO) tippubblika l-kriterji u l-indikaturi tar-rimborż ibbażat fuq il-valur għall-kura primarja u n-patient. Il-pubblikazzjoni tista' tinkludi, pereżempju, ċirkulari u avviżi. Id-Deċiżjoni (jiet) tal-HIO dwar ir-rimborż tal-fornituri tal-kura tas-saħħa fil-qafas tas-Sistema Ġenerali tal-Kura tas-Saħħa huma ppubblikati fil-gazzetta uffiċjali.

B. IL-KOMPONENT 2.1: IN-NEWTRALITÀ KLIMATIKA, L-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA U L-ENERĠIJA RINNOVABBILI

Dan il-komponent tal-pjan Ċiprijott għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jindirizza l-isfida tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima billi jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni tal-pajjiż lejn in-newtralità klimatika.

L-oġġettivi tal-komponent huma li jtejjeb il-politika ambjentali permezz ta' miżuri relatati mat-tassazzjoni ekoloġika, il-ftuħ tas-suq tal-elettriku u l-faċilitazzjoni tal-liċenzjar tal-enerġija rinnovabbli u l-proġetti ta' rinnovazzjoni. Il-komponent għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini u infrastruttura oħra u li jappoġġa investimenti ekoloġiċi għall-SMEs, l-unitajiet domestiċi, is-settur pubbliku usa', u l-NGOs. Il-komponent jimmira wkoll lejn it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku u għandu l-għan li jindirizza l-iżolament enerġetiku ta' Ċipru.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għas-snin 2019 u 2020 li jirrakkomandaw li l-politiki relatati mal-investiment u l-investiment jiġu ffukati fuq l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C2.1R1): Tassazzjoni Ekoloġika

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li tappoġġa użu aktar effiċjenti tar-riżorsi ambjentali, tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u żżid il-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Din il-miżura tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' atti legali dwar taxxa fuq il-karbonju fuq il-fjuwils tat-trasport, imposta fuq ir-rimi f'landfills tal-iskart municiċipali, żieda fit-tariffi tal-ilma eżistenti u inċentivi fiskali għall-intrapriżi u l-individwi.

Riforma 2 (C2.1R2): L-indipendenza tal-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOC) ta' Ċipru mill-Awtorità tal-Elettriku attwali ta' Ċipru

L-oġġettiv tal-miżura huwa li ssaħħa il-kompetizzjoni fis-suq tal-elettriku billi toħloq kundizzjonijiet għal investituri ġodda biex jipparteċipaw fil-ġenerazzjoni, il-ħżin, l-aggregazzjoni, ir-rispons tad-domanda u l-provvista tal-elettriku.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-iżgurar tal-indipendenza tal-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta' Ċipru (TSOC) mill-Awtorità tal-Elettriku attwali ta' Ċipru (EAC) f'termini ta' governanza, ġestjoni

finanzjarja u tal-persunal. Il-miżura għandha tiffaċilita wkoll il-bdil tal-fornituri, li huwa mistenni li jnaqqas il-kost tal-elettriku għall-klijenti domestiċi u kummerċjali/industrijali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 3 (C2.1R3): Punti uniċi ta' servizz diġitali biex jiġu ssimplifikati l-permessi tal-proġetti tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u biex tiġi ffaċilitata r-Rinnovazzjoni tal-Enerġija fil-Bini

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tippromwovi l-implimentazzjoni tal-proġetti SER billi tissimplifika l-proċess tal-permessi tal-proġetti SER. Ir-riforma għandu jkollha wkoll l-għan li taċċellera r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fid-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-għoti ta' permessi għal-liċenzjar għall-proġetti RES u l-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt għall-appoġġ tekniku u finanzjarju għall-finijiet tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 4 (C2.1R4): Qafas Regulatorju għall-Ħżin tal-Enerġija

L-oġġettiv tal-miżura huwa li jiġi stabbilit qafas regulatorju għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-faċilitajiet tal-ħżin fis-suq tal-elettriku.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-emendar tar-Regoli dwar it-Trażmissjoni u d-Distribuzzjoni (TDRs) u r-Regoli dwar in-Negożjar u s-Saldu (TSRs) biex il-faċilitajiet tal-ħżin ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa. Dan għandu jippromwovi l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sistemi tal-enerġija rinnovabbli u jikkontribwixxi għall-effiċjenza u l-vijabbiltà ekonomika tas-suq tal-elettriku kollu kemm hu.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Investiment 1 (C2.1I1): Investimenti għall-iffrankar tal-enerġija fl-SMEs u fl-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja u finali u l-emissjonijiet tas-CO2 fil-bini u/jew fil-faċilitajiet li huma proprjetà ta' SMEs u ta' organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jew operati minnhom.

Din il-miżura tikkonsisti f'appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini u biex il-proċessi tal-produzzjoni jużaw inqas enerġija.

Investiment 2 (C2.1I2): Il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku, inkluż f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli

L-objettiv tal-miżura huwa li thegħeġ l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-istokk kbir ta' abitazzjonijiet qodma, kif ukoll li tissussidja l-implimentazzjoni ta' rinnovazzjonijiet tal-enerġija fuq skala żgħira f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli inklużi unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u persuni b'diżabilità.

Din il-miżura tikkonsisti fl-għoti ta' għotjiet għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika.

Investiment 3 (C2.1I3): L-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn investimenti klimatiċi

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jiffaċilita t-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Il-miżura tikkonsisti fi skema ta' għotjiet għall-investimenti fl-enerġija u fl-adattament għat-tibdil fil-klima fil-Kunsilli Lokali (tal-Komunità).

Investiment 5 (C2.1I5): Investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jiffaċilita l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku.

Din il-miżura hija magħmula minn żewġ investimenti fl-effiċjenza enerġetika: (i) Proprjetajiet u Skejjel tas-Servizzi tat-Tifi tan-Nar; u (ii) l-Isptar Ġenerali ta' Nikosija.

Investiment 6 (C2.1I6): L-espansjoni tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jespandi l-infrastruttura eżistenti tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru u li jgħaqqadha mal-grilja eżistenti.

Din il-miżura tikkonsisti fil-kummissjonar ta' tagħmir tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti.

Investiment 7 (C2.1I7): Installazzjoni tal-massa mill-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (DSO) tal-Infrastruttura tal-Kejl Intelliġenti (Infrastruttura Avanzata tal-Kejl)

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jiffaċilita l-introduzzjoni tal-massa ta' arloġġi intelliġenti f'Ċipru.

Din il-miżura tikkonsisti fit-twassil ta' 400 000 arloġġ intelliġenti lill-Awtorità tal-Elettriku ta' Ċipru u l-installazzjoni ta' 200 000 arloġġ intelliġenti.

Investiment 8 (C2.1I8): Il-monitoraġġ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-agrikoltura

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jimmonitorja l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet agrikoli f'Ċipru, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-agrikoltura.

L-investiment jikkonsisti f' sistema ta' monitoraġġ tal-gassijiet serra.

Investiment 9 (C2.II9): Protezzjoni kontra n-nirien

L-obiettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet f' Ċipru biex ilaħħqu mal-perikli ta' nirien u biex jinvestu fil-protezzjoni kontra r-riskji li jiffaċċjaw iċ-ċittadini, l-infrastruttura u l-foresti.

Din il-miżura tikkonsisti fix-xiri ta' ingenu tal-ajru, vetturi u tagħmir għat-tifi tan-nar

Investiment 10 (C2.II10): Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq (MMS) biex jiġi ffaċilitat il-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni

L-obiettiv ta' dan l-investiment huwa li tiġi introdotta Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq (MMS) mill-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta' Ċipru bħala għodda biex jiġi ffaċilitat il-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni.

Din il-miżura tikkonsisti fl-installazzjoni tal-MMS immarkata bl-ewwel tranżazzjonijiet finanzjarji li jseħħu permezz tal-MMS, u l-ftuħ tas-suq tal-elettriku ta' Ċipru.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
19	C2.1R1 Tassazzjoni Ekoloġika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' atti legali li jintroduċu taxxa fuq il-karbonju fuq il-fjuwils tat-trasport, żieda fit-tariffi eżistenti tal-ilma, imposta fuq ir-rimi f'landfill tal-iskart muniċipali, u inċentivi fiskali għall-intrapriżi u l-individwi	Dispożizzjoni fl-atti legali li tindika d-dħul fis-seħħ	—	—	—	Q2	2026	Id-dħul fis-seħħ ta' atti legali, li (a) jintroduċu taxxa fuq il-karbonju fuq il-fjuwils tat-trasport, (b) jintroduċu żieda fit-tariffi eżistenti tal-ilma, (c) jintroduċu imposta fuq ir-rimi f'landfill tal-iskart muniċipali, (d) jintroduċu inċentivi tat-taxxa personali għall-persuni fiżiċi li jwettqu investimenti fl-enerġija nadifa u fil-mobbiltà elettrika, u (e) jintroduċu kwoti kapitali mtejbja għall-infiq kapitali kwalifikanti relatat mal-enerġija u mal-klima mill-intrapriżi.
21	C2.1R2 L-indipendenza tal-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOC) ta' Ċipru mill-Awtorità tal-Elettriku attwali ta' Ċipru	Stadju importanti	Il-liġi għar-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Elettriku tal-2021	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-“Liġi għar-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Elettriku” tal-2021	—	—	—	Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi għar-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Elettriku tal-2021, li għandha tiffaċilita l-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni u tagħti spinta lill-adozzjoni tar-RES billi: (a) il-kisba tal-indipendenza tal-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta' Ċipru (TSOC) mill-Awtorità tal-Elettriku eżistenti ta' Ċipru (EAC) (awtonomija fil-governanza, awtonomija finanzjarja u indipendenza tal-persunal tat-TSOC), (b) l-introduzzjoni tal-passi meħtieġa għat-tnaqqis tal-kost tal-elettriku għall-klijenti domestiċi u kummerċjali/industrijali u (c) il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ta' trasparenza u fiduċja biex jiġu motivati investituri ġodda fil-ġenerazzjoni u l-provvista tal-elettriku.
22	C2.1R3 Punti uniċi ta' servizz diġitali biex jiġu ssimplifikati l-permessi tal-proġetti tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u	Stadju importanti	Pjattaforma tal-IT kompletament operazzjonali	Pjattaforma tal-IT kompletament operazzjonali aċċettata mill-Ministeru tal-Enerġija, il-Kummerċ u l-Industrija	—	—	—	Q4	2022	Pjattaforma tal-IT kompletament operazzjonali għal (1) gwida lill-applikant matul il-proċess amministrattiv tal-applikazzjoni għall-permess b'mod trasparenti sal-għoti ta' deċiżjoni waħda jew aktar mill-awtoritajiet responsabbli, (2) l-għoti tal-informazzjoni kollha meħtieġa lill-applikant u l-involviment, fejn xieraq, ta' awtoritajiet amministrattivi oħra.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	biex tiġi ffaċilitata r-Rinnovazzjoni tal-Enerġija fil-Bini									
23	C2.1R4 Qafas Regolatorju għall-Ħżin tal-Enerġija	Stadju importanti	Emenda tar-Regoli ta' Trażmissjoni u Distribuzzjoni (TDRs) u r-Regoli dwar in-Negozjar u s-Saldu (TSRs)	Pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Awtorità Regolatorja tal-Enerġija ta' Ċipru tal-Emenda tar-Regoli ta' Trażmissjoni u Distribuzzjoni (Transmission and Distribution Rules, TDRs) u r-Regoli dwar in-Negozjar u s-Soluzzjoni (Trading and Settlement Rules, TSRs)	—	—	—	Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' emenda għar-Regoli dwar it-Trażmissjoni u d-Distribuzzjoni (TDRs) u r-Regoli dwar in-Negozjar u s-Saldu (TSRs) li għandhom jipprovdu l-qafas regolatorju (regoli tas-suq) u l-modalitajiet tekniċi meħtieġa li għandhom jippermettu lill-faċilitajiet tal-ħżin: — jipparteċipaw fis-suq bl-ingrossa tal-elettriku, — tippromwovi l-iżvilupp ta' suq tal-elettriku ekonomikament vijabbli, effiċjenti, sikur u orjentat lejn il-konsumatur li jagħti prijorità lill-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sistemi tal-enerġija rinnovabbli.
24	C2.1I1 Il-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs u fl-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ	Stadju importanti	Skema ta' appoġġ għall-Promozzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, fil-muniċipalitajiet, fil-komunitajiet, u fis-settur pubbliku usa'	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għall-iskema ta' appoġġ għall-Promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, fil-muniċipalitajiet, fil-komunitajiet, u fis-settur pubbliku usa'	—	—	—	Q4	2021	Toħroġ sejħa għal proposti għall-iskema ta' appoġġ għall-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, il-muniċipalitajiet, il-komunitajiet, u s-settur pubbliku usa', wara verifika tar-regolament dwar l-għajnuna mill-Istat li għandu jiġi applikat mill-Kummissarju għall-Kontroll tal-Għajnuna mill-Istat u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri li tapprova l-oġġettivi tal-iskema. L-investment għandu jkollu l-għan li jikseb bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.
26	C2.1I1 Investimenti fl-iffrankar tal-enerġija fl-	Tal-UE	Proġetti għall-iffrankar tal-enerġija fil-bini		Għadd	0	275	Q4	2025	Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija jew dikjarazzjonijiet minn esperti kwalifikati jew awditur tal-enerġija dwar l-

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	SMEs, u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ									iffrankar tal-enerġija miksub maħruġa għal 275 proġett tal-iffrankar tal-enerġija.
27	C2.1I2 Il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku fl-unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli	Stadju importanti	L-ewwel sejħa għal proposti għall-Promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet	Pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti	—	—	—	Q2	2021	L-ewwel sejħa għal proposti għall-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali ta' effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet għet ippubblikata fuq is-sit web tas-SER u tal-Fond għall-Konservazzjoni tal-Enerġija. L-investiment għandu jkollu l-għan li jikseb bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.
28a	C2.1I2 Il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku fl-unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli	Tal-UE	Abitazzjonijiet u unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli (inklużi persuni b'diżabbiltà) li tejbu r-rendiment fl-użu tal-enerġija tagħhom	—	Għadd	0	16 200	Q4	2023	Mill-inqas 16 200 abitazzjoni, inklużi 1 600 unità domestika b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli (inklużi persuni b'diżabbiltà), ikunu tejbu r-rendiment fl-użu tal-enerġija tagħhom minħabba l-appoġġ finanzjarju pprovdut, bl-objettiv li jinkiseb bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.
28b	C2.1I2 Sorsi ta' enerġija rinnovabbli u	Tal-UE	Miżuri ta' effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet	—	Għadd	16 200	29 300	Q2	2026	It-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija primarja b'medja ta' mill-inqas 30 % f' 29 300 abitazzjoni.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku fl-unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli									
30	C2.1I3 L-inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet pubbliċi lokali/usa' u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni & l-adattament għat-tibdil fil-klima	Stadju importanti	L-ewwel sejħa għal proposti biex jiġu appoġġati l-awtoritajiet lokali fil-miżuri tal-effiċjenza enerġetika	Ippubblika l-ewwel sejħa għall-proposti	—	—	—	Q3	2021	L-ewwel sejħa għal proposti biex jiġu appoġġati l-awtoritajiet lokali fil-miżuri tal-effiċjenza enerġetika għat-tibdil fil-klima. L-investiment għandu jkollu l-għan li jikseb bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.
32c	C2.1I3 L-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn investimenti klimatiki	Tal-UE	Skema ta' għotjiet biex jiġu appoġġati l-investimenti fl-adattament għat-tibdil fil-klima	Għadd	—	0	27	Q2	2026	Għotjiet żborżati għal mill-inqas 27 investiment għall-adattament għat-tibdil fil-klima fil-Kunsilli Lokali (tal-Komunità).
35	C2.1I5 Tiġib tal-Effiċjenza	Tal-UE	Sistemi ta' iżolament termali u fotovoltajċi installati fl-iskejjel	—	Għadd	0	405	Q1	2022	Sistemi ta' iżolament termali u fotovoltajċi installati f'mill-inqas 405 skola bl-oġettiv li jinkiseb bħala medja tnaqqis ta' mill-

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Enerġetika tal-bini pubbliku									inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.
36	C2.II5 Titjib tal-Effiċjenza Enerġetika tal-bini pubbliku	Tal-UE	Tlestija tal-istabbiliment u l-installazzjoni ta' sistema fotovoltajka fl-Isptar Ġenerali ta' Nikosija	—	Għadd	0	943	Q4	2023	It-tlestija tal-istabbiliment u l-installazzjoni tas-sistema PV fl-Isptar Ġenerali ta' Nikosija b'kapaċità totali ta' 943 KW.
37	C2.II5 Investimenti fl-Effiċjenza Enerġetika fil-bini pubbliku	Tal-UE	Installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi fi Proprjetajiet ta' Servizz ta' Nirien	—	Għadd	0	650	Q4	2025	Installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi, b'kapaċità totali ta' 650 KW, fi Proprjetajiet tas-Servizz tat-Tifi tan-Nar.
38	C2.II6 L-aġġornament tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru	Stadju importanti	L-iffirmar ta' kuntratti għall-installazzjoni ta' tagħmir biex tiġi aġġornata l-grilja elettrika fi grilja intelliġenti	Firma tal-Kuntratti	—	—	—	Q4	2023	L-iffirmar ta' kuntratti għall-installazzjoni ta' tagħmir biex tiġi aġġornata l-grilja elettrika fi grilja intelliġenti wara proċedura ta' akkwist pubbliku ta' suċċess.
39	C2.II6 L-espansjoni tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru	Stadju importanti	Aċċettazzjoni ta' tagħmir għall-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti	Ċertifikat (i) ta' aċċettazzjoni maħruġ (a)	—	—	—	Q4	2024	Ċertifikat (i) ta' aċċettazzjoni maħruġ (a), li jixhed (u) l-ikkummissjonar u l-aċċettazzjoni tat-tagħmir tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti.
40	C2.II7 Installazzjoni tal-massa mill-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (DSO) tal-Infrastruttura tal-Kejl	Stadju importanti	Firma tal-Kuntratt għall-infrastruttura tal-kejl intelliġenti tal-elettriku	Firma tal-Kuntratt	—	—	—	Q1	2024	Firma tal-Kuntratt għall-infrastruttura tal-kejl intelliġenti tal-elettriku (Hardwer, software, u servizzi ta' appoġġ).

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Intelliġenti (Infrastruttura Avanzata tal-Kejl)									
42	C2.1I7 Installazzjoni tal-massa mill-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (DSO) tal-Infrastruttura tal-Kejl Intelliġenti (Infrastruttura Avanzata tal-Kejl)	Tal-UE	Aċċettazzjoni u installazzjoni ta' miters intelliġenti	—	Għadd	0	400 000 imwassla lill-Awtorità tal-Elettriku ta' Ċipru 200 000 installati	Q2	2026	L-aċċettazzjoni ta' 400 000 arloġġ intelliġenti tal-elettriku mill-Awtorità tal-Elettriku ta' Ċipru u l-installazzjoni ta' 200 000 minnhom.
43	C2.1I8 Il-monitoraġġ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-agrikoltura	Stadju importanti	Xiri u installazzjoni ta' unitajiet ta' monitoraġġ għall-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura	Approvazzjoni tat-tagħmir u l-installazzjoni mill-kumitat riċeventi	—	—	—	Q2	2023	Ix-xiri u l-installazzjoni ta' unità tal-karozzi u unitajiet ta' monitoraġġ permanenti, għall-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura bl-għan li jiġu implimentati politiki adegwati biex jittaffew l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.
44	C2.1I8 Il-monitoraġġ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-agrikoltura	Tal-UE	Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-agrikoltura	—	% (perċentwal)	0	10	Q4	2025	Rapport li jikkonferma tnaqqis ta' 10 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura.
45	C2.1I9 Protezzjoni kontra n-nirien fil-foresti	Stadju importanti	L-iffirmar ta' 8 Ftehim/Firma tal-Kuntratt għax-xiri ta' vetturi, tagħmir u provvista ta' servizzi u l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' inġenji tal-ajru għat-tifi tan-nar	Iffirmar ta' 8-il Ftehim/Firma ta' Kuntratt	—	—	—	Q2	2022	L-iffirmar ta' 8 Firma ta' Ftehimiet/Kuntratti ma' fornituri għax-xiri ta' vetturi, tagħmir u provvista ta' servizzi u l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' inġenji tal-ajru għat-tifi tan-nar bl-għan li jikkontribwixxu għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għat-tnaqqis tar-riskju ta' splużjoni u espansjoni tan-nirien fil-foresti u t-tisħiħ tal-protezzjoni kontra r-riskji li jiffaċċjaw iċ-ċittadini, l-infrastruttura u l-foresti minn inċident possibbli ta' nirien.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
47	C2.1I9 Protezzjoni kontra n-nirien	Stadju importanti	Aċċettazzjoni ta' vetturi u tagħmir ta' inġenji tal-ajru għat-tifi tan-nar	Ċertifikati ta' aċċettazzjoni maħruġa għall-konsenja ta' vetturi u tagħmir tal-inġenji tal-ajru għat-tifi tan-nar	—	—	—	Q2	2026	Ċertifikati ta' aċċettazzjoni maħruġa għall-konsenja ta' inġenji tal-ajru, vetturi u tagħmir għat-tifi tan-nar.
48	C2.1I10 Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq (MMS) biex jiġi ffaċilitat il-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni	Stadju importanti	Installazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq	Ħruġ ta' Ċertifikat ta' Aċċettazzjoni Finali għas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq.	—	—	—	Q1	2023	Installazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq (MMS) għas-Suq tal-Elettriku ta' Ċipru.
48a	C2.1I10 Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq (MMS) biex jiġi ffaċilitat il-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni	Stadju importanti	L-ewwel tranżazzjonijiet finanzjarji tal-MMS	Id-Deċiżjoni tas-CERA li tiddikjara l-ewwel jum ta' negozjar fis-suq tal-elettriku, ir-riżultati tas-suq tal-elettriku għall-ewwel ġimgħa ta' negozjar.				Q3	2025	Deċiżjoni mis-CERA dwar l-operazzjoni tas-suq evidenzjata mill-ewwel tranżazzjonijiet finanzjarji mwettqa permezz tal-MMS.

C. IL-KOMPONENT 2.2: IT-TRASPORT SOSTENIBBLI

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru għandu l-għan li jippromwovi mobbiltà urbana aktar nadifa, aktar intelliġenti, aktar sikura u aktar ġusta billi jhegġegħ bidla modali lejn modi sostenibbli ta' trasport, u li jippromwovi l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi (LEVs) kif ukoll l-użu ta' sistemi diġitali fis-settur tat-trasport.

Il-komponent jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-investiment fit-trasport sostenibbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C2.2R1): Installazzjoni ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti li tuża teknoloġiji tat-Tewmi Diġitali

L-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li tintroduċi karatteristiċi intelliġenti għall-infrastruttura teknoloġika.

Din il-miżura tikkonsisti fl-installazzjoni ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti.

Riforma 2 (C2.2R2): Dħul fis-seħħ ta' att (i) legali rigward l-infrastruttura tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi (EV)

L-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi stabbilita infrastruttura tal-elettromobilità għall-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi.

Din il-miżura tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' att (i) legali dwar l-infrastruttura tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi.

Riforma 3 (C2.2R3): Dħul fis-seħħ ta' att (i) legali għall-esklużjoni ta' vetturi li jniġġsu

L-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li tipprovdi l-qafas regolatorju biex jinħolqu inċentivi għas-sostituzzjoni ta' vetturi qodma u li jniġġsu, u għall-użu ta' soluzzjonijiet sostenibbli għall-ivvjaġġar u l-mobilità.

Din il-miżura tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' att (i) legali li jippermettu l-adozzjoni ta' miżuri marbuta mal-esklużjoni ta' vetturi li jniġġsu minn ċerti żoni.

Investiment 2 (C2.2I2): Il-ħolqien ta' infrastruttura tal-elettromobbiltà

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li tinħoloq l-infrastruttura meħtieġa biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn l-elettromobbiltà.

Din il-miżura hija magħmula minn tliet submiżuri:

Is-submiżura 1: l-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi aċċessibbli għall-pubbliku u t-twassil ta' punti tal-iċċarġjar użati għall-vetturi elettriċi tal-flotta tas-settur pubbliku

Dan l-investment jikkonsisti fl-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi aċċessibbli għall-pubbliku u t-twassil ta' punti tal-iċċarġjar użati għall-vetturi elettriċi tal-flotta tas-settur pubbliku.

Is-submiżura 2: skema ta' għotjiet għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku fil-bini tan-negozji jew tal-awtoritajiet lokali

Din l-iskema tikkonsisti f'appoġġ għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar fil-bini tan-negozji jew tal-awtoritajiet lokali.

Is-submiżura 3: skema ta' għotjiet għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli

Din l-iskema tikkonsisti fl-għoti ta' inċentivi finanzjarji biex jiġi appoġġat l-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluża l-installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi u tagħmir tal-iċċarġjar.

Investiment 3 (C2.2I3): Avvanza l-użu ta' Vetturi Elettriċi (EVs)

L-objettiv ta' dan l-investment huwa x-xiri ta' EVs, LEVs, roti elettriċi u modi ta' trasport pubbliċi jew mhux motorizzati, filwaqt li progressivament jitneħħew miċ-ċirkolazzjoni vetturi qodma li jniġġsu.

Is-submiżura 1: tingħata spinta lit-tranżizzjoni lejn l-elettromobbiltà fis-settur pubbliku u fl-awtoritajiet lokali

Dan l-investment jikkonsisti fix-xiri ta' vetturi elettriċi għas-settur pubbliku.

Is-submiżura 2: skema ta' appoġġ għax-xiri ta' vetturi elettriċi

Din l-iskema tikkonsisti fix-xiri jew ir-reġistrazzjoni ta' vetturi elettriċi u roti elettriċi.

Is-submiżura 3: skema ta' skrappjar għall-vetturi li jniġġsu l-aktar flimkien ma' inċentivi għal għażliet ta' mobbiltà mingħajr emissjonijiet/b'emissjonijiet baxxi

Din l-iskema tinċentiva lis-sewwieqa biex iċedu l-vetturi b'magna tal-kombustjoni bi skambju għal għażliet alternattivi ta' mobbiltà, pereżempju x-xiri ta' LEV jew ta' rota elettrika u/jew biljetti tal-karozzi tal-linja annwali mingħajr ħlas. Dan jinċentiva wkoll ir-riċiklaġġ ta' vetturi skreppjati.

Investiment 1 (C2.2I1): Proġetti ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) u miżuri li jsaħħu l-aċċessibbiltà

L-oġġettivi ta' dan l-investiment huma li tinħoloq l-infrastruttura meħtieġa biex tittejjeb il-mobbiltà urbana b'għażliet aktar ekoloġiċi u biex jiżiedu l-ambjent tal-belt u s-sikurezza fit-toroq.

Dawn il-miżuri jikkonsistu f'investimenti għall-aċċessibbiltà u l-moviment sikur tal-persuni bil-mixi, taċ-ċiklisti, u tal-persuni b'diżabilità fiċ-ċentri urbani.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
52	C2.2R1 Installazzjoni ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti li tuża teknoloġiji tat-Tewmi Diġitali	Tal-UE	Installazzjoni u konnessjoni mal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' mill-inqas 150 senser	—	Għadd	0	150	Q1	2024	Ċertifikati ta' aċċettazzjoni li jivverifikaw l-installazzjoni u l-konnessjoni mal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' total ta' 150 senser tat-traffiku
53	C2.2R1 Installazzjoni ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti li tuża teknoloġiji tat-Tewmi Diġitali	Tal-UE	Installazzjoni u konnessjoni mal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' total ta' 300 senser	—	Għadd	150	300	Q4	2025	Ċertifikati ta' aċċettazzjoni li jivverifikaw l-installazzjoni u l-konnessjoni mal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' total ta' 300 senser tat-traffiku.
54	C2.2R2 Dħul fis-seħħ ta' att (i) legali rigward l-infrastruttura tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi (EV)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att (i) legali relatat (i) mal-punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi	Dħul fis-seħħ tal-att (i) legali	—	—	—	Q4	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' att (i) legali rigward l-infrastruttura tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi (EV). L-att (i) legali għandhom jinkludu mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-infrastruttura tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi.
55	C2.2R3 It-tneħħija gradwali tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, speċjalment f'żoni urbani mniġġsa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv relatat mat-tneħħija gradwali tal-vetturi li jniġġsu l-aktar	Dispożizzjoni fl-att leġiżlattiv li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni	—	—	—	Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv rigward l-esklużjoni ta' vetturi li jniġġsu minn żoni jew operazzjonijiet. L-att leġiżlattiv għandu johlq il-bażi legali biex tiġi infurzata l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi relatati maċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi bil-mutur, bl-għan li gradwalment jitneħħew il-vetturi li jniġġsu l-aktar.
61	C2.2I2 Il-ħolqien ta' infrastruttura tal-elettromobbiltà	Tal-UE	Installazzjoni jew kunsinna ta' punti tal-iċċarġjar	—	Għadd	0	1 000	Q2	2026	Ċertifikat ta' aċċettazzjoni jew ċertifikat ta' installazzjoni elettrika, maħruġ mill-Awtorità elettrika ta' Ċipru għall-installazzjoni jew il-konsenja għal mill-inqas 1 000 punt tal-iċċarġjar.
63a	C2.2I3	Tal-UE	Xiri jew reġistrazzjoni ta'	—	Għadd	0	4 412	Q2	2026	Ix-xiri jew ir-reġistrazzjoni ta' mill-inqas 4 412 vettura elettrika tal-kategoriji M1, M2–3, N, L1e-L7e u roti elettriċi.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Avvanza l-użu ta' Vetturi Elettriċi (EVs)		vetturi elettriċi u roti elettriċi							
65	C2.2I3 Avvanza l-użu ta' Vetturi Elettriċi (EVs)	Tal-UE	Skrappjar ta' vetturi b'emissjonijiet għoljin	—	Għadd	0	1 393	Q2	2026	Ċertifikat ta' tlestija li jikkonferma l-iskrappjar ta' mill-inqas 1 393 vettura b'magna tal-kombustjoni sostitwiti b'roti elettriċi, biljett (i) tal-karozzi tal-linja annwali u vetturi b'emissjonijiet baxxi.
58	C2.2I1 Proġetti ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) u miżuri li jsaħħu l-aċċessibbiltà	Tal-UE	Xogħol ta' kostruzzjoni għal mill-inqas 35 km ta' rotot tat-trasport sostenibbli	—	Għadd	0	35	Q1	2026	L-akkwist ta' ċertifikati maħruġa mill-Awtorità Kontraenti li jikkonfermaw ix-xogħol ta' kostruzzjoni għal mill-inqas 35 km ta' rotot tat-trasport sostenibbli.

D. IL-KOMPONENT 2.3: ĠESTJONI TAL-ILMA INTELLIĠENTI U SOSTENIBBLI

Dan il-komponent tal-pjan Ċiprijott għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-ineffiċjenzi fil-ġestjoni tal-ilma. L-oġġettivi ta' dan il-komponent huma li tiġi żgurata l-provvista ta' ilma tax-xorb ta' kwalità tajba, il-massimizzazzjoni tal-infrastruttura għas-sistemi tal-ġbir tad-drenaġġ, it-trattament tad-drenaġġ u l-użu mill-ġdid tal-effluwent ittrattat fl-agrikoltura, it-tnaqqis tat-telf tal-ilma, l-astrazzjoni tal-ilma u tal-ilma ta' taħt l-art mingħajr dħul, it-titjib tal-infrastruttura kontra l-għargħar, it-titjib tal-effiċjenza operazzjonali tas-servizzi li qed jiġu pprovduti lill-konsumaturi permezz ta' avvanzi teknoloġiċi u l-istabbiliment ta' trasparenza fit-tranżazzjonijiet finanzjarji.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar il-ġestjoni tal-ilma (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f' dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C2.3R1): Riforma tal-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jiddefinixxi azzjonijiet li jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma f'Ċipru.

Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma.

Investiment 2 (C2.3I2): Impjanti tat-Trattament tal-Ilma

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa proġetti fl-impjanti tat-trattament tal-ilma.

Il-miżura tikkonsisti fi proġetti fl-impjanti tat-trattament tal-ilma ta' Limassol, Asprokremmos, Tersefanou, Kornos u Kannaviou.

Investiment 3 (C2.3I3): Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa d-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma (WDD).

Il-miżura tikkonsisti f'Sistema ta' Ġestjoni tal-Monitoraġġ u l-Kontroll għad-WDD.

Investiment 4 (C2.3I4): Ġestjoni Intelliġenti tan-Networks tal-Ilma u tad-Drenaġġ

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-ġestjoni u l-effiċjenza enerġetika tan-network tal-ilma ta' Larnaca u Limassol.

Il-miżura tikkonsisti f'sensuri, arloġġi intelliġenti, u sistema/i diġitali ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tewmin.

Investiment 5 (C2.3I5): Miżuri kontra l-ġhargħar u l-ġbir tal-ilma

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtaffi l-effetti negattivi minn avvenimenti ta' ġhargħar.

Il-miżura tikkonsisti f'xogħol (ijiet) kontra l-ġhargħar jew ir-rikostruzzjoni jew il-kostruzzjoni ta' toroq u bankini, u fil-pajsaġġ ta' kanal (i) tal-ġhargħar.

Investiment 6 (C2.3I6): Proġetti għas-sigurtà tal-ilma

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżgura s-sigurtà tal-ilma ta' Nikosija, Limassol u Klavdia.

Il-miżura tikkonsisti f'ġibjun (i) tal-ilma u impjant tat-trattament tal-ilma.

Investiment 8 (C2.3I8) Protezzjoni tal-ekosistema tal-baħar minn perikli permezz ta' tixrid taż-żejt

L-objettiv tal-miżura huwa li tipproteġi l-ekosistemi tal-baħar permezz ta' titjib tal-kapaċità operazzjonali tad-Dipartiment tas-Sajd u r-Riċerka tal-Baħar biex jirrispondi fil-pront, b'mod adegwat u effettiv għall-inċidenti mit-tniġġis miż-żejt għat-tniġġis tal-baħar.

Il-miżura tikkonsisti fix-xiri ta' tliet bastimenti kontra t-tniġġis bil-possibbiltà ta' operazzjonijiet awtonomi ta' rkupru taż-żejt, li tnejn minnhom għandhom joperaw qrib il-linja tal-kosta u l-akbar waħda fl-ibħra internazzjonali, kif ukoll ix-xiri ta' żewġ unitajiet awtonomi tal-bexx tal-arja li jxerrdu ż-żejt.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
66	C2.3R1 Riforma tal-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma	Stadju importanti	Adozzjoni u pubblikazzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma	Adozzjoni u pubblikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent	—	—	—	Q2	2025	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri u l-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent ta' pjan ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma.
70	C2.3I2 Impjanti tat-Trattament tal-Ilma	Stadju importanti	Proġetti fl-Impjant (i) tat-Trattament tal-Ilma	Ċertifikati ta' aċċettazzjoni maħruġa				Q4	2025	Proġetti fl-Impjant (i) tat-Trattament tal-Ilma kif ġej: Installazzjoni ta' sistema/i ta' filtrazzjoni tal-karbonju attivat (i) f'Tersefanou, Asprokremmos u Limassol Installazzjoni ta' sistema/i ta' ġenerazzjoni tad-diossidu tal-kloru fuq il-post f'Limassol, Asprokremmos, Tersefanou, Kornos u Kannaviou Installazzjoni ta' sistema ta' filtrazzjoni għall-espansjoni tal-Impjant tat-Trattament tal-Ilma ta' Asprokremmos inkluż iċ-ċentru tal-kontroll tal-mutur.
71	C2.3I3 Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma	Stadju importanti	Tlestija tal-analiżi dettaljata tar-rekwiżiti u d-dokument tad-disinn tas-sistema	Approvazzjoni tal-analiżi dettaljata tar-rekwiżiti u tad-dokument tad-disinn tas-sistema mill-Kumitat ta' Tmexxija tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma	—	—	—	Q2	2022	Id-dokument tal-analiżi tar-rekwiżiti u tad-disinn tas-sistema għandu jiddeskrivi l-aspetti, il-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet kollha tas-sistema, inklużi s-sensuri tal-kwalità, is-sensuri operazzjonali (bħall-fluss, il-livell u l-pressjoni), il-miters tal-enerġija, l-apparati ta' komunikazzjoni, it-tagħmir tal-IT (hardware, software). L-analiżi dettaljata tar-rekwiżiti u d-disinn tas-sistema għandhom jiddeterminaw in-numru eżatt u t-tip ta' tagħmir meħtieġ għal dan il-proġett.
74a	C2.3I4 Ġestjoni Intelliġenti tan-Networks tal-Ilma u tad-Drenaġġ	Tal-UE	Kunsinna u installazzjoni ta' fotovoltajċi fl-Impjant tat-Trattament tal-		Għadd	0	700	Q1	2023	Il-konsenja u l-installazzjoni ta' tagħmir fotovoltajku fl-Impjant tat-Trattament tal-Ilma Mormi ta' Larnaca li jiġġenera enerġija ta' mill-inqas 700 KW.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			Ilma Mormi ta' Larnaca							
76b	C2.3I4 Ġestjoni Intelliġenti tan-Networks tal-Ilma u tad-Drenaġġ	Stadju importanti	Proġetti f'Larnaca u Limassol	Ċertifikati ta' aċċettazzjoni maħruġa	—	—	—	Q2	2026	Proġetti kif ġej: a. Mill-inqas 200 senser tal-kwalità u tal-pressure u mill-inqas 100 000 arloġġ intelliġenti għall-qari tal-konsum. b. Sistema ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tat-Tewmi Diġitali u laboratorju ħaj tal-ilma intelliġenti f'Limassol. c. Sistema ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tat-Tewmi Diġitali f'Larnaca.
77a	C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u l-ġbir tal-ilma	Stadju importanti	Tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tan-network tad-drenaġġ u r-rikostruzzjoni tat-toroq u l-bankini fiż-żoni ta' Nikosija	It-tim tal-ġestjoni tal-proġett jiċċertifika t-tlestija tal-kostruzzjoni	—	—	—	Q4	2022	It-tlestija tal-kostruzzjoni ta' network tad-drenaġġ u r-rikostruzzjoni tat-toroq u l-bankini fiż-żoni ta' Agios Antonios, il-belt l-antika, Likavitos u Agioi Omologites ta' Nikosija b'tul totali ta' madwar 6.5 km.
77b	C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u l-ġbir tal-ilma	Stadju importanti	Xogħol (ijiet) kontra l-għargħar jew rikostruzzjoni ta' toroq u bankini f'Nikosija u Limassol	Teħid ta' ċertifikati	—	—	—	Q2	2026	Xogħol (ijiet) kontra l-għargħar jew rikostruzzjoni ta' toroq u bankini f'Nikosija u Limassol.
78	C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u l-ġbir tal-ilma	Stadju importanti	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-ġbir u r-riċiklaġġ tal-ilma tax-xita fiż-żona ta' Kladeri	Teħid ta' ċertifikati	—	—	—	Q2	2024	Kostruzzjoni ta' sistema ta' ġbir u riċiklaġġ tal-ilma tax-xita fiż-żona ta' Kladeri.
79	C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u l-ġbir tal-ilma	Stadju importanti	Tisbiħ tal-pajsaġġ tal-kanal (i) tal-għargħar f'Livadia	Ċertifikat ta' akkwist				Q4	2025	It-tisbiħ tal-pajsaġġ tal-kanal (i) tal-għargħar f'Livadia.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
80	C2.3I6 Proġetti għas-sigurtà tal-ilma	Tal-UE	Kostruzzjoni ta' żewġ ġibjuni tal-azzar miksija bil-ħġieġ fid-distrett ta' Nikosija		m ³	0	16 000	Q2	2024	Kostruzzjoni ta' żewġ ġibjuni tal-azzar miksija bil-ħġieġ fid-Distrett ta' Nikosija b'kapaċità totali ta' 16 000 m ³ .
81	C2.3I6 Proġetti għas-sigurtà tal-ilma	Tal-UE	Ġibjun (i) tal-ilma u impjant tat-trattament tal-ilma		m ³	16 000	52 800	Q2	2026	a. Żewġ ġibjuni ta' ilma tal-azzar miksija bil-ħġieġ f'Nikosija b. ġibjun wieħed tal-ilma tal-konkrit fi Klavdia c. tliet ġibjuni tal-ilma f'Limassol d. impjant għat-trattament tal-ilma f'Limassol. Il-kapaċità totali tal-ġibjuni tal-ilma f'Nikosija, Larnaca u Limassol għandha tkun mill-inqas 52 800 m³.
84	C2.3I8 Il-protezzjoni tal-ekosistema tal-baħar mill-perikli mit-tixrid taż-żejt	Stadju importanti	Konsenja, spezzjoni tal-kwalità biex tiġi vverifikata l-effettività operazzjonali tagħhom u l-aċċettazzjoni ta' tliet bastimenti u żewġ sistemi ta' bexx mill-ajru	Rapportar u ħruġ ta' ċertifikat ta' kwalità mill-esperti dwar l-effettività operazzjonali u l-aċċettazzjoni ta' bastimenti u sistemi ta' bexx mill-ajru	—	—	—	Q1	2025	Konsenja, spezzjoni tal-kwalità biex tiġi vverifikata l-effettività operazzjonali tagħhom u l-aċċettazzjoni ta' tliet bastimenti (bastiment wieħed ta' tul ta' 25 m bejn wieħed u ieħor biex jopera fiż-Żona Ekonomika Esklussiva Ċiprijotta u żewġ bastimenti ta' tul ta' bejn 8 u 11 m bejn wieħed u ieħor biex jopera fl-ilmijiet kostali u żewġ sistemi ta' bexx mill-ajru).

E. IL-KOMPONENT 3.1: MUDELL ĠDID TA' TKABBIR U DIVERSIFIKAZZJONI TAL-EKONOMIJA

Il-komponent jindirizza l-isfidi tal-ekonomija Ċiprijotta fir-rigward tal-kompetittività, il-produttività u l-investment, kif ukoll id-dipendenza żejda fuq ċerti setturi ekonomiċi, bħat-turiżmu.

L-oġġettiv tal-komponent huwa li jgħin lill-ekonomija tgħaddi għal mudell ġdid ta' tkabbir ekonomiku (Ċentru tal-Ewropa għan-Negożju u l-Kummerċ Sostenibbli) billi jindirizza l-isfidi settorjali kif ġej:

Is-settur primarju: l-oġġettiv huwa li jiġi żviluppat settur agrikolu kompetittiv primarjament permezz tal-agroteknoloġija u kollaborazzjoni b'saħħitha man-negożju, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, u ċ-ċentri ta' riċerka biex jeċċellaw.

Settur sekondarju: l-oġġettiv huwa li jiġi żviluppat settur kompetittiv tal-manifattura ħafifa li jinkludi enfasi fuq oqsma bħat-teknoloġija ekoloġika u l-agroteknoloġija.

Turiżmu Sostenibbli: l-oġġettiv huwa li tiġi żviluppata infrastruttura b'saħħitha tal-agrituriżmu u tal-ospitalità sostenibbli u li jiġu attirati turisti tas-saħħa & tal-benessri permezz ta' kura tas-saħħa kompetittiva u ta' reputazzjoni tajba.

L-ekonomija ċirkolari (b'enfasi fuq il-ġestjoni tal-iskart): l-oġġettiv huwa li jgħin fil-mixja lejn ekonomija ċirkolari billi jagħmel użu aħjar mill-materja prima, inaqas l-iskart, iqajjem kuxjenza għall-iżvilupp sostenibbli u jaqleb għall-enerġija rinnovabbli sabiex tittaffa l-kriżi klimatika, jiġi protett il-benesseri soċjali u tinbena ekonomija reżiljenti. Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż relatata ma' "enfasi fuq l-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali" u "fuq il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020), "enfasi fuq il-politika ekonomika relatata mal-investment fuq it-trasport sostenibbli, l-ambjent" u "fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2019)

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Subkomponent 3.1.1 Settur primarju reżiljenti u kompetittiv

Riforma 1 (C3.1R1): Tmexxi l-prattiki agrikoli mis-seklu 20 għas-seklu 21 billi tinvesti f'ċentru nazzjonali għall-eċċellenza fl-agroteknoloġija

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jiġu indirizzati l-isfidi fis-settur primarju, inklużi l-produttività baxxa u n-nuqqas ta' għarfien teknoloġiku, billi jiġi stabbilit mudell operattiv ċentralizzat permezz ta' kollaborazzjoni b'saħħitha bejn l-Istitut tar-Riċerka Agrikola u l-istituzzjoni (jiet) tal-edukazzjoni għolja.

Ir-riforma għandha l-għan li tistabbilixxi l-Istitut tar-Riċerka Agrikola ta' Ċipru bħala ċ-ċentru ta' eċċellenza tal-pajjiż fl-agrikoltura, it-trobbija tal-annimali u l-protezzjoni ambjentali u li ssaħħaħ il-koooperazzjoni bejn l-Istitut tar-Riċerka Agrikola u l-istituzzjoni (jiet) tal-edukazzjoni għolja biex jiġi żviluppat kurrikulu/a ġdid/ġodda.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma 2 (C3.1R2): Pjattaforma online għas-simetrija tal-kummerċ u tal-informazzjoni fil-katina tal-provvista tal-prodotti friski

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tindirizza l-iżvantaġġi li ilhom jeżistu tal-katina tal-provvista tal-prodotti friski.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' liġi dwar prattiki inġusti fi tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski. Għandha tiġi offruta Pjattaforma lill-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi fis-suq tal-prodotti friski.

Riforma 3 (C3.1R3): Titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoż ta' Ċipru

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-produttività u s-sostenibbiltà tas-settur primarju.

Ir-riforma tikkonsisti fl-appoġġ lill-bdiewa għat-titjib tal-ġbir tad-data relatata mal-produzzjoni tal-ħalib u l-identifikazzjoni ġenomika tan-nagħaġ u l-mogħoż tagħhom.

Investiment 2 (C3.1I2): Appoġġ għall-bażi tad-data isotopika ta' prodotti tal-ikel jew tax-xorb Ċiprijotti

L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li tinħoloq metodoloġija ta' verifika bbażata fuq il-blockchain għall-awtentikazzjoni tal-prodotti lokali bl-użu ta' bażi (jiet) tad-data isotopika (ċi).

Il-miżura tikkonsisti fix-xiri u l-installazzjoni ta' Kromatografija Likwida ġdida — Spettrometru tal-Massa tal-Proporzjon Isotopiku (LC-IRMS) għall-karatterizzazzjoni isotopika; il-bażi (jiet) tad-Data isotopika integrata/i u s-sistema tal-blockchain huma konnessi għal mill-inqas għaxar prodotti tal-ikel jew tax-xorb Ċiprijotti.

Investiment 3 (C3.1I3): Titjib tal-ħiliet tal-komunità tal-biedja eżistenti u professjonalizzazzjoni tal-forza tax-xogħol futura permezz ta' investiment fil-kapital uman

L-oġġettiv tal-miżura huwa t-titjib tal-ħiliet tal-komunità tal-biedja, permezz tat-trasferiment tal-għarfien u l-promozzjoni tal-innovazzjoni. B'dan il-mod, għandha l-għan li trawwem settur agrikolu aktar kompetittiv b'potenzjal ogħla, permezz tal-bini tal-kapaċità u t-trasferiment tal-għarfien.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-għoti ta' għaxar boroż ta' studju fis-settur agrikolu, ta' EUR 10 000 kull wieħed, għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-forza tax-xogħol futura fis-settur. Għandu jappoġġa wkoll it-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-forza tax-xogħol eżistenti, permezz tal-użu tas-Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli b'rabtiet mal-akkademja, filwaqt li jnaqqas id-

distakk bejn l-applikazzjoni Prattika minn naħa waħda u l-għarfien, ix-xjenza, l-esperjenza u r-riċerka min-naħa l-oħra.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Subkomponent 3.1.2 Settur sekondarju innovattiv u kompetittiv

Investiment 5 (C3.1I5): Il-ħolqien ta' Identità Kummerċjali Nazzjonali u l-promozzjoni tal-prodott tradizzjonali "halloumi"

L-oġġettiv tal-miżura huwa li jiġi stabbilit isem tad-ditta għall-prodotti Ċiprijotti sabiex tiġi promossa l-esportazzjoni tagħhom.

L-investment għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni bbażati fuq żewġ studji: (a) wieħed dwar il-ħolqien ta' Identità Kummerċjali Nazzjonali "Made in Cyprus" (immarkar) li tiffoka fuq il-kwalità u l-karatteristiċi strutturali tal-prodotti u s-servizzi Ċiprijotti flimkien ma' elementi tat-tradizzjoni u l-istorja tal-gżira, u (b) studju għall-implimentazzjoni ta' strateġija għall-ġobon halloumi sabiex tiżdied id-distintività tiegħu bħala prodott Ċiprijott awtentiku u t-tfassil ta' kampanja promozzjonali u ta' sensibilizzazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

Investiment 6 (C3.1I6): Skema għall-appoġġ tal-produzzjoni ta' intrapriżi fis-settur agrikolu

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa r-reżiljenza tas-settur agrikolu, id-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika, u jinċentiva l-investimenti f'negozji ġodda jew fl-avvanz teknoloġiku tan-negozji eżistenti.

Il-miżura tikkonsisti fl-għoti ta' għotjiet lil intrapriżi fis-settur agrikolu biex jiffinanzjaw investimenti fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħhom.

Investiment 7 (C3.1I7): Skema għall-kompetittività u/jew l-effiċjenza enerġetika ta' intrapriżi kbar f'Ċipru

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa l-investimenti minn intrapriżi kbar, inklużi l-proċess tal-produzzjoni, l-effiċjenza teknoloġika u enerġetika.

Il-miżura tikkonsisti fil-pubblikazzjoni tas-sejħa għal proposti u l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' mill-inqas 10 intrapriża.

Subkomponent 3.1.3 Turiżmu sostenibbli u b'valur miżjud għoli

Investiment 8 (C3.1I8): Il-valur miżjud tat-turiżmu

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa t-turiżmu, jattira swieq ġodda, inaqas l-istaġjonalità, u jtejjeb l-ambjent mibni, speċjalment fil-kampanja, fiż-żoni muntanjużi u remoti.

Din il-miżura tikkonsisti fl-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' aċċettazzjoni jew prova ta' pagamenti għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u tagħmir fis-settur tal-ospitalità.

Investiment 9 (C3.1I9): L-ekonomija ċirkolari fil-lukandi

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiffaċilita t-tranżizzjoni tal-mudell tan-negozju tal-lukandi għal wieħed ċirkolari, jew li jniedi prodotti jew servizzi ċirkolari.

Din il-miżura tikkonsisti f'ċertifikazzjoni.

Investiment 10 (C3.1I10): L-arrikkiment tat-turiżmu

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-ekonomija f'żoni rurali, muntanjużi u remoti u li jiddiversifika t-turiżmu.

Din il-miżura tikkonsisti minn (i) il-kostruzzjoni tar-Rotta Afrodite, u (ii) investimenti li jinkludu, iżda mhux limitati għal, xogħlijiet ta' kostruzzjoni, tagħmir, teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u servizzi ta' konsulenza għall-intrapriżi jew għall-bordijiet tal-komunità lokali.

Subkomponent 3.1.4 Ekonomija ċirkolari

Riforma 4 (C3.1R4): L-ekonomija ċirkolari.

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tappoġġa l-mudell tal-ekonomija ċirkolari fil-pajjiż.

Il-miżura tikkonsisti fi Pjan ta' Azzjoni u skema ta' għotjiet għall-investiment tan-negozju fl-ekonomija ċirkolari.

Riforma 5 (C3.1R5): L-unità ta' koordinazzjoni tal-ġestjoni tal-iskart fid-Dipartiment tal-Ambjent

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li timmonitorja l-ġestjoni tal-iskart muniċipali.

Din il-miżura tikkonsisti f'deċizzjoni mill-Kunsill tal-Ministri dwar il-qafas għal unità għall-koordinazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart fid-Dipartiment tal-Ambjent.

Investiment 12 (C3.1I12): Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jikkontribwixxi għar-riċiklaġġ ta' riċiklabbli xotti. Din il-miżura tikkonsisti fl-installazzjoni ta' 50 kjosk ekoloġiku għal riċiklabbli xotti biex jgħinu lill-awtoritajiet lokali f'żoni remoti jtejbu l-iskemi tagħhom għall-ġestjoni tal-iskart.

Investiment 11 (C3.1I11): Estensjoni tan-Netwerk tal-Punti Ħodor ta' Ċipru

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa l-ġestjoni tal-iskart solidu u l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika.

Din il-miżura tikkonsisti fil-kostruzzjoni jew l-estensjoni ta' sitt Punti Ħodor biex jiġu ddepożitati flussi speċifiċi ta' skart domestiku jew municiipali.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
85	C3.1R1 Tmexxi l-prattiki agrikoli mis-seklu 20 għas-seklu 21 billi tinvesti f'ċentru nazzjonali għall-eċċellenza fl-agroteknoloġija	Stadju importanti	Kooperazzjoni bejn il-Programm Istitut tar-Riċerka u istituzzjoni (jiet) tal-edukazzjoni għolja, għal mill-inqas programm wieħed tal-MSc	Dħul fis-seħħ ta' ftehim (iet) ta' kooperazzjoni ffirmat (i)	—	—	—	Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' dokument (i) legalment vinkolanti li jistabbilixxu l-kollaborazzjoni għal mill-inqas programm wieħed tal-MSc iffirmat bejn l-Istitut tar-Riċerka Agrikola u l-istituzzjoni (jiet) tal-edukazzjoni għolja.
86	C3.1R1 Tmexxi l-prattiki agrikoli mis-seklu 20 għas-seklu 21 billi tinvesti f'ċentru nazzjonali għall-eċċellenza fl-agroteknoloġija	Stadju importanti	Master fil-qasam usa' tal-Agrikoltura	Tħabbir u komunikazzjoni tal-media mill-awtoritajiet kompetenti	—	—	—	Q2	2023	Ir-reġistrazzjoni tal-istudenti u l-bidu ta' Master fil-qasam usa' tal-Agrikoltura.
87	C3.1R2 Pjattaforma online għat-titjib tas-simetrija kummerċjali u tal-informazzjoni fil-katina tal-provvista tal-prodotti friski	Stadju importanti	Il-liġi dwar il-prattiki inġusti fit-tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida dwar Prattiki inġusti fi tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski	—	—	—	Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi ġdida li għandha tindirizza Prattiki kummerċjali inġusti fi tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski, bħal emendi unilaterali u retroattivi għall-kuntratti, kanċellazzjonijiet tal-aħħar minuta, skadenzi għall-pagamenti itwal minn 30 jum, pagament għal prodotti danneġġati jew mhux mibjugħa u azzjonijiet oħra li jaffettwaw lil dawk involuti fil-katina tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni tal-prodotti agrikoli.
88	C3.1R2 Pjattaforma online għas-simetrija tal-kummerċ u tal-informazzjoni fil-katina tal-provvista tal-prodotti friski	Stadju importanti	Pjattaforma għar-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski	Pjattaforma disponibbli għall-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi	—	—	—	Q2	2024	Il-pjattaforma online għar-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet fis-suq tal-prodotti friski għandha tkun disponibbli għall-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
90	C3.1R3 Titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoż ta' Ċipru	Stadju importanti	Identifikazzjonijiet ġenomiċi rreġistrati fil-bażi tad-data ARI.	Għajjnuna żborżata u identifikazzjonijiet ġenomiċi rreġistrati fil-bażi tad-data ARI.				Q2	2026	Ingħatat għajjnuna lill-bdiewa għat-titjib tal-ġbir tad-data relatata mal-produzzjoni tal-ħalib. Identifikazzjonijiet ġenomiċi għal mill-inqas 15 000 nagħġa u mogħża uniċi ġew irreġistrati fil-bażi tad-data tal-ARI (l-Istitut tar-Riċerka Agrikola).
93	C3.1I2 Titjib tal-bażi tad-data isotopika ta' prodotti tradizzjonali Ċiprijotti	Stadju importanti	Kromatografija Likwida- Tagħmir tal-Ispettrometru tal-Massa tal-Proporzjon Isotopiku (LC-IRMS)	Dikjarazzjoni ffirmata tal-aċċettazzjoni tat-tagħmir għall-kwalità standard u l-ħin speċifikat fid-dokumenti tal-offerta u l-kuntratt iffirmat	—	—	—	Q4	2021	Tagħmir ta' Xiri u Installazzjoni ta' Kromatografija Likwida Ġdida — Proporzjon Iżotopiku tal-Ispettrometru tal-Massa (LC-IRMS) għall-karatterizzazzjoni iżotopika.
94	C3.1I2 Appoġġ għall-bażi tad-data isotopika ta' prodotti tal-ikel jew tax-xorb Ċiprijotti	Tal-UE	Prodotti konnessi mas-sistema	—	Għadd	0	10	Q1	2025	Il-bażi (jiet) tad-Data Isotopika Integrata/i u s-sistema tal-blockchain huma konnessi għal mill-inqas għaxar prodotti tal-ikel jew tax-xorb Ċiprijotti.
95	C3.1I3 It-titjib tal-ħiliet tal-bdiewa eżistenti u futuri	Tal-UE	Boroż ta' studju mogħtija	—	Għadd	0	5	Q4	2022	Mill-inqas ħames boroż ta' studju mogħtija lill-gradwati tal-iskola sekondarja biex jistudjaw korsijiet ta' lawrja relatati mal-agrikoltura, f'kooperazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, l-Istitut tar-Riċerka Agrikola u l-universitajiet lokali.
97	C3.1I5 Il-ħolqien ta' Identità Kummerċjali Nazzjonali u l-promozzjoni tal-prodott tradizzjonali "halloumi"	Stadju importanti	Pjanijiet ta' Azzjoni għal (a) l-immarkar "magħmul f'Ċipru", u (b) għall-promozzjoni tal-ġobon halloumi	Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri u tal-pjan ta' azzjoni	—	—	—	Q1	2022	Adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-Pjanijiet ta' Azzjoni li għandhom jikkonsistu minn: (1) l-assistenza lin-negozji biex jippromwovu l-prodotti u s-servizzi tagħhom abbażi tal-marka "made in Cyprus", u (2) iż-żieda fid-distintività tal-ġobon halloumi bħala prodott awtentiku Ċiprijott u t-tfassil ta' kampanja promozzjonali u ta' sensibilizzazzjoni għalih.
99	C3.1I6 Skema għall-appoġġ tal-produzzjoni ta'	Tal-UE	Ftehimiet ta' għotja ffirmati ma' intrapriżi fis-settur agrikolu	—	Għadd	0	120	Q1	2026	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' mill-inqas 120 intrapriża fis-settur agrikolu għall-appoġġ tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħhom.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	intrapriżi fis-settur agrikolu									
100	C3.117 Skema għall-kompetittività u/jew l-effiċjenza enerġetika ta' intrapriżi kbar f'Ċipru	Stadju importanti	Bidu tal-iskema ta' għotjiet għal intrapriżi kbar	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal proposti fuq is-sit web tal-Ministeru	—	—	—	Q3	2023	Wara l-approvazzjoni tal-iskema mill-Kunsill tal-Ministri, il-ħruġ ta' sejħa għal proposti għall-għoti ta' għotjiet lil intrapriżi kbar biex jespandu n-negozju eżistenti permezz ta' investimenti li jtejbju l-livell teknoloġiku, il-proċess tal-produzzjoni, u l-produttività tagħhom, kif ukoll biex iwettqu investimenti li jtejbju l-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom. It-termini ta' referenza inklużi l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
102a	C3.117 Skema għall-kompetittività u/jew l-effiċjenza enerġetika ta' intrapriżi kbar f'Ċipru	Tal-UE	Ftehimiet ta' għotja ffirmati mal-intrapriżi	—	Għadd	0	10	Q2	2026	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' mill-inqas 10 intrapriża.
103	C3.118 Il-valur miżjud tat-turiżmu	Tal-UE	Ftehimiet ta' għotja ffirmati ma' intrapriżi fis-settur tal-ospitalità	—	Għadd	0	186	Q2	2024	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' mill-inqas 186 intrapriża fis-settur tal-ospitalità.
104	C3.118 Il-valur miżjud tat-turiżmu	Tal-UE	Għotja lil lukandi jew stabbilimenti turistiċi oħra	—	Għadd	0	36	Q2	2026	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' mill-inqas 36 lukanda jew stabbiliment turistikku ieħor għar-rinnovazzjoni, ir-rinnovazzjoni u/jew it-tagħmir.
104c	C3.118 Il-valur miżjud tat-turiżmu	Stadju importanti	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u tagħmir għaċ-Ċentru tal-Konferenzi ta' Filoxenia	Ċertifikat (i) ta' aċċettazzjoni jew prova ta' ħlas	—	—	—	Q4	2025	Ċertifikat (i) ta' aċċettazzjoni jew prova ta' pagament għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u tagħmir għaċ-Ċentru tal-Konferenzi ta' Filoxenia

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
105	C3.1I9 Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-istabbilimenti tal-lukandi	Tal-UE	Skema ta' kkwċjar għall-ekonomija ċirkolari	—	Għadd	0	50	Q2	2022	Ġew iffirmati ftehimiet ta' kollaborazzjoni ffirmati ma' mill-inqas 50 lukanda għal ikkwċjar tan-negozju mfassal apposta għall-ekonomija ċirkolari.
106	C3.1I9 L-ekonomija ċirkolari fl-istabbilimenti tal-lukandi	Tal-UE	Lukandi ċirkolari ċċertifikati	—	Għadd	0	18	Q1	2026	Mill-inqas 18 lukanda ċċertifikati bħala lukandi ċirkolari skont l-istandards nazzjonali tal-iskema nazzjonali ta' ċċertifikazzjoni.
107	C3.1I10 L-arrikkiment tat-turiżmu	Stadju importanti	Rotta tal-Afrodite	Ċertifikat tal-aċċettazzjoni	—	—	—	Q1	2024	Ċertifikat ta' teħid ta' kontroll għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni għar-Rotta Afrodite.
108	C3.1I10 L-arrikkiment tat-turiżmu	Tal-UE	Investimenti, inklużi iżda mhux limitati għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, tagħmir, servizzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni, u servizzi ta' konsulenza.	—	Għadd	0	200	Q4	2025	Investimenti, inklużi iżda mhux limitati għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, tagħmir, teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u servizzi ta' konsulenza f'mill-inqas 200 intrapriża jew bordijiet tal-komunità lokali.
109	C3.1R4 It-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari fl-Industrija	Stadju importanti	Approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għat-Tisħiħ tal-Ekonomija Ċirkolari f'Ċipru	Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri għall-approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali.	—	—	—	Q4	2021	Approvazzjoni, mill-Kunsill tal-Ministri, tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għat-Tisħiħ tal-Ekonomija Ċirkolari f'Ċipru
110	C3.1R4 L-ekonomija ċirkolari,	Tal-UE	Ftehim ta' għotja ffirmat ma' kumpaniji li qed jimxu lejn mudell operattiv ċirkolari	—	Għadd	0	25	Q2	2026	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' mill-inqas 25 kumpanija li jimxu lejn mudell operattiv ċirkolari
111	C3.1R5 L-unità ta' koordinazzjoni tal-ġestjoni tal-iskart fid-	Stadju importanti	Unità ta' koordinazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart	Pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri	—	—	—	Q2	2025	Approvazzjoni tal-unità ta' koordinazzjoni tal-iskart fid-Dipartiment tal-Ambjent mill-Kunsill tal-Ministri.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Dipartiment tal-Ambjent									
112	C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari	Stadju importanti	Iffirmar tal-kuntratt għall-installazzjoni ta' kjoskijiet ekoloġiċi	Firma tal-kuntratt	—	—	—	Q3	2023	Kuntratt iffirmit għall-istabbiliment u l-installazzjoni ta' mill-inqas 50 Kjosk ekoloġiku għal riċiklabbli xotti.
115	C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari	Tal-UE	Installazzjoni ta' kjoskijiet ekoloġiċi	—	Għadd	0	50	Q4	2025	Jiġu installati mill-inqas 50 kjosk aħdar.
116b	C3.1I11 Estensjoni tan-Netwerk tal-Punti Ħodor ta' Ċipru	Tal-UE	Kostruzzjoni jew estensjoni ta' sitt Punti Ħodor	—	Għadd	0	6	Q2	2026	Jinbnew jew jiġu estiżi sitt Punti Ħodor.

F. IL-KOMPONENT 3.2: RIĊERKA U INNOVAZZJONI MSAĦĦA

Il-komponent tal-pjan Ċiprijott għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi li qed jiffaċċja Ċipru fir-rigward tal-ekosistema tar-Riċerka u l-Iżvilupp li għandha rwol relattivament limitat fit-tkabbir ekonomiku. Dan huwa prinċipalment dovut għal sehem baxx ta' gradwati fix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Math (STEM, Science, Technology, Engineering and Math), interazzjoni limitata tas-sistema tar-riċerka pubblika mas-settur tan-negozju u aċċess u disponibbiltà limitati ta' finanzjament tar-riskju.

L-oġettivi tal-komponent huma li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-intrapriżi, jikkummerċjalizza r-riżultati tar-riċerka, iżid l-intensità fl-attività tar-riċerka & żvilupp (R & Ż) u l-investimenti kemm mill-organizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll minn dawk privati, kif ukoll li jagħmel l-infrastruttura kollha tar-riċerka ffinanzjata pubblikament aċċessibbli għall-ekosistema kollha. Barra minn hekk, għandu l-għan li jsaħħaħ l-appoġġ finanzjarju għan-negozji ġodda, in-negozji li qed jespandu, il-SMEs, jinternazzjonalizza l-ekosistema lokali tar-riċerka u l-innovazzjoni (R & I), jiżviluppa t-talent lokali u jattira t-talent minn barra l-pajjiż biex jaħdem fir-R & I b'enfasi fuq oqsma tematiċi speċifiċi.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar iż-żieda tal-enfasi fuq il-politika ekonomika relatata mal-investment dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni (ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi 3 tal-2020 u 4 tal-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C3.2R1): Politika Nazzjonali dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

L-oġettiv tar-riforma huwa li tappoġġa l-Ekosistema tar-R & I.

Din il-miżura tikkonsisti fl-adozzjoni tal-Istrateġija tar-R & I u l-Pjan ta' Azzjoni.

Riforma 2 (C3.2R2): Inċentivi biex jitħeġġu u jiġu attirati l-investimenti u l-kapital uman fir-Riċerka u l-Innovazzjoni

L-oġettiv tal-miżura huwa li tattira l-investment f'kumpaniji innovattivi u talenti intraprenditorjali u xjentifiċi minn barra l-pajjiż.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-estensjoni tal-applikazzjoni tal-iskema tat-taxxa għall-investment f'kumpaniji innovattivi għal entitajiet ġuridiċi (minn persuni fiżiċi bħalissa). Investimenti eliġibbli sa EUR 150 000 għal kull investitur, taħt dan l-inċentiv, jinkludu ekwità, self, garanziji u fatturament. Barra minn hekk, dan għandu jikkonsisti fir-rieżami, il-promozzjoni u, fejn xieraq, l-emenda tal-iskemi ta' inċentivi attwali mmirati biex jattiraw talenti minn pajjiżi terzi, inkluża l-iskema VISA Xjentifika għar-riċerkaturi u l-familji tagħhom u l-iskema VISA Start-up għall-fundaturi ta' intrapriżi innovattivi u l-familji tagħhom.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

Riforma 3 (C3.2R3): Appoġġ għall-aċċess għal infrastruttura tar-riċerka ffinanzjata pubblikament

L-oġettiv tar-riforma huwa li tappoġġa l-aċċess għal infrastruttura tar-riċerka ffinanzjata pubblikament.

Din il-miżura tikkonsisti fil-pubblikazzjoni tal-Politika Nazzjonali tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Prattiki tax-Xjenza Miftuħa.

Investiment 1 (C3.2I1): Stabbiliment ta' uffiċċju ċentrali għat-trasferiment tal-għarfien (cKTO)

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jappoġġa l-kollaborazzjoni bejn l-akkademja u n-negozju u l-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka biex jissaħħaħ it-trasferiment tat-teknoloġija f'Ċipru.

Din il-miżura tikkonsisti f'Uffiċċju ċentrali għat-Trasferiment tal-Għarfien.

Investiment 2 (C3.2I2): Programmi ta' finanzjament għall-innovazzjoni

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jappoġġa lill-intrapriżi u lin-negozji ġodda fl-attivitajiet tar-R & I u li jappoġġa lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka biex joħolqu infrastrutturi tar-riċerka b'aċċess miftuħ.

Din il-miżura tikkonsisti fi proġetti dwar attivitajiet tar-R & I.

Investiment 3 (C3.2I3): Programm ta' finanzjament tar-R & I dwar it-tranżizzjoni ekoloġika

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jappoġġa proġetti dwar attivitajiet ta' tranżizzjoni ekoloġika.

Din il-miżura tikkonsisti fi proġetti dwar attivitajiet tar-R & I tat-tranżizzjoni ekoloġika.

Investiment 4 (C3.2I4): Skemi ta' finanzjament għal attivitajiet ta' R & Ż dwar teknoloġiji b'użu doppju u laboratorji klassifikati

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jappoġġa teknoloġiji b'użu doppju, li altrimenti jservu biss skopijiet governattivi/militari, għal interessi ċivili, kummerċjali u tas-soċjetà.

Il-miżura tikkonsisti fl-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' approvazzjoni tas-sigurtà tal-faċilità.

F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
120	C3.2R1 Politika u għodod ta' politika nazzjonali tar-R & I	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Istrateġija nazzjonali tar-R & I u tal-Pjan ta' Azzjoni biex tiġi implimentata	Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri	—	—	—	Q4	2022	Tiżviluppa Strateġija integrata tar-R & I, li tipprovdi qafas ta' perspettiva fit-tul, li jiżgura sforz u impenn iffukati għall-implimentazzjoni, maż-żmien, f'isem l-Istat u l-partijiet ikkonċernati involuti fis-sistema nazzjonali tar-R & I, u għodda diġitali għall-immappjar dinamiku tal-ekosistema tar-R & I.
121	C3.2R1 Politika Nazzjonali dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni	Stadju importanti	Mekkaniżmu ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni; qafas ta' politika ta' aċċess miftuħ għal riċerka ffinanzjata pubblikament u l-infrastruttura teknoloġika; qafas għall-monitoraġġ u l-koordinazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-Landmarks tal-ESFRI	L-approvazzjoni ta' mekkaniżmu ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni; il-pubblikazzjoni online ta' qafas ta' politika ta' aċċess miftuħ għar-riċerka ffinanzjata pubblikament u l-infrastruttura teknoloġika; publikazzjoni online ta' qafas	—	—	—	Q2	2026	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri ta' mekkaniżmu ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni għal organizzazzjonijiet ta' riċerka ffinanzjati pubblikament, li jista' jinkludi iżda mhux limitat għaċ-Ċentri ta' Eċċellenza. Il-pubblikazzjoni online ta' qafas ta' politika ta' aċċess miftuħ għal infrastruttura tar-riċerka u teknoloġika ffinanzjata pubblikament, li tista' tinkludi iżda mhux limitata għal kundizzjoni (jiet) ta' aċċess u pprezzar. Il-pubblikazzjoni online ta' qafas għall-monitoraġġ u l-koordinazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-Landmarks tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI).
122	C3.2R2 Inċentivi għall-investimenti u l-kapital uman fir-R & I	Stadju importanti	Eżenzjoni mit-taxxa ta' entitajiet ġuridiċi għall-investment f'kumpaniji innovattivi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni	—	—	—	Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi l-eżenzjoni mit-taxxa ta' investituri korporattivi (entitajiet legali) għall-investment f'kumpaniji innovattivi.
123	C3.2R3 Politiki biex jitravwem l-	Stadju importanti	Reġistru diġitali għar-reġistrazzjoni u l-pubblikazzjoni	Link għar-reġistru diġitali ppubblikat fis-	—	—	—	Q4	2022	L-iżvilupp u l-bidu tal-operat ta' reġistru diġitali biex tiġi rreġistrata u ppubblikata infrastruttura tar-riċerka li għandha

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	aċċess għal infrastruttura u laboratorji tar-riċerka ffinanzjati pubblikament		tal-infrastruttura tar-riċerka	sit web tad-Deputat Ministeru għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Politika Diġitali						tiffaċilita t-talba ta' aċċess tal-partijiet interessati għal tali infrastruttura. Dan għandu jinkludi l-immappjar tal-istituzzjonijiet tar-riċerka kollha ffinanzjati pubblikament (taħt Orizzont 2020, skemi nazzjonali). Għandu jtejjeb ukoll il-viżibbiltà tal-Istituzzjonijiet tar-Riċerka u jappoġġa l-kollaborazzjoni mas-settur privat.
124	C3.2R3 Appoġġ għall-aċċess għal infrastruttura tar-riċerka ffinanzjata pubblikament	Stadju importanti	Politika Nazzjonali tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Prattiki tax-Xjenza Miftuħa	Pubblikazzjoni tal-Politika Nazzjonali tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Prattiki tax-Xjenza Miftuħa	—	—	—	Q4	2024	Pubblikazzjoni tal-Politika Nazzjonali tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Prattiki tax-Xjenza Miftuħa.
125	C3.2I1 It-twaqqif u t-tħaddim ta' Uffiċċju ċentrali għat-Trasferiment tal-Għarfien (KTO)	Stadju importanti	It-tneġġija tal-KTO	Ftuħ tal-ewwel każ ta' KTO	—	—	—	Q2	2022	Il-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, responsabbli għat-tħaddim tal-KTO, ingaġġat jew ikkuntrattat persunal imħarreġ ħafna u/jew esperti biex jipprovdu servizzi ta' trasferiment tal-għarfien esperti. Għandu jkun hemm fis-seħħ sistemi u għodod li jappoġġaw l-operat tal-KTO. Il-KTO għandu jibda l-forniment ta' servizzi lil universitajiet, organizzazzjonijiet oħra ta' riċerka jew intrapriżi.
126	C3.2I1 It-twaqqif ta' Uffiċċju ċentrali għat-Trasferiment tal-Għarfien (cKTO)	Tal-UE	Rapport ta' progress dwar il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ għat-trasferiment tal-għarfien	—	Għadd	0	30	Q4	2025	Rapport ta' progress maħruġ mill-META, dwar il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ għat-trasferiment tal-għarfien għal mill-inqas 30 proġett. il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tas-CKTO maħruġ mill-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (RIF), li jista' jinkludi iżda mhux limitat għal analiżi SWOT.
127	C3.2I2 Programmi ta' finanzjament għall-	Stadju importanti	Iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja għal 50 % tal-baġit	Ftehimiet ta' għotja ffirmati	—	—	—	Q4	2022	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja li jimpenjaw mill-inqas 50 % tal-baġit totali (kuntratti ta' valur totali ta' mill-inqas baġit totali ta' EUR 26 000 000) għal

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-ghanqas/Ta l-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
